MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 851/2011

**BANK OF VALLETTA p.l.c** (C-2833)

vs

Stephanie **THEUMA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-31 ta’ Awissu, 2011 li bih il-Bank attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Qorti (i) issib li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt pubbliku tas-27 ta’ Diċembru, 2004, fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona (u kif esebit bħala Dokument “A”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrka (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienet inadempjenti f’obbligi oħra minnha assunti fl-istess kuntratt fuq imsemmi, u/jew, (ċ) hemm

bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrka li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lill-istess soċjeta' attriċi; u (ii) tikkundanna lill-imħarrka tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin euro u ċenteżmu (€43,728.01) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tal-imħarrka flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mit-22 ta' Ġunju, 2011, sad-data ta' l-effettiv pagament. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat in-nota mressqa fil-21 ta' Ottubru, 2011, mill-imħarrka li biha ammettiet it-talbiet attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tal-imħarrka t-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati;

Għaldaqstant, fuq ammissjoni tal-imħarrka, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li ġraw waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li bihom u minħabba fihom l-istess Bank attur jista' jitlob minnufih il-ħlas tad-dejn lilu dovut;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tikkundanna lill-imħarrka tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u għoxrin euro u ċenteżmu (€43,728.01) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan Accounts*" tagħha fl-istess Bank, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-22 ta' Ġunju, 2011, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrka tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------